MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 19/2010

**Vella Bros. Ready-Mix Limited**

**Vs**

**John Vella**

Il-Qorti,

Rat illi s-socjeta' attrici fir-rikors mahluf ippremettiet :

1. Illi l-konvenut John Vella ghandu jaghti lill-kumpannija attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, tliet mija u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€27,330.72) raprezentanti bilanc ta' prezz ta' provisti ta' konkos u siment u ta' servizzi ohra konnessi mal-provista ta' konkos u siment suppliti lill-konvenut fuq inkarigu tieghu f'diversi postijiet f'Ghawdex skond kif ordna l-istess konvenut.

2. Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex jissalda dan il-bilanc, il-konvenut dejjem baqa' inadempjenti.

3. Illi dan id-debitu huwa wiehed kummercjali u ghaldaqstant ghandhom jiddekorru imghaxijiet skond l-oghla rata vigenti fil-kummerc mid-data li fiha gie supplit il-materjal inkella li fiha nghata s-servizz sad-data tal-hlas effettiv.

4. Illi l-kumpanija attrici jidhrilha illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma' ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti u quindi din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi dan ir-rikors qed isir u qed jigi kkonfermat bil-gurament minn Carmel Vella raprezentant tas-socjeta' attrici illi ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-qorti:

1. Tipprocedi b'din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi d-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma' ghandu l-ebda eccezzjonijiet validi x'iqajjem.

2. Tiddikjara l-konvenut debitur fil-konfront tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, tliet mija u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€27,330.72).

3. Tikkonferma illi l-konvenut huwa ghandu jkollu jhallas l-imghaxijiet kummercjali fuq l-oghla rata permessa mil-ligi mid-data tal-procista jew servizz sad-data tal-hlas effettiv (liema dati huma indikati fl-istatements anness u markat dokument A).

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, tliet mija u tletin ewro u

tnejn u sebghin centezmu (€27,330.72) flimkien ma' dawk l-imghaxijiet fuq l-istess somma kif mitlub.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2011 il-Qorti wara li semghet lill-konvenut u d-difensuri tal-partijiet qieset li l-konvenut kellu jinghata l-opportunita' li jiddefendi l-kawza u jressaq il-provi u ghalhekk awtorizzatu sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat li permezz ta' provvediment tat-30 ta' April 2010 din il-qorti ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata li giet prezentata tardivament.

Rat li fuq rikors tal-konvenut innifsu fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu, il-qorti permezz ta' provvediment iehor tal-25 ta' Gunju 2010 laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat li r-risposta guramentata li giet sfilzata bid-digriet tat-30 ta' April 2010 terga' tigi inserita fil-process.

Rat li fir-<u>risposta guramentata</u> tieghu l-konvenut eccepixxa hekk:

1. In linea preliminari, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut ma hux il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna, stante illi huwa qatt ma ghamel ordnijiet ta' konkos f'ismu, izda kif taf ben tajjeb l-attrici, l-ordnijiet dejjem kienu jkunu ghall-kumpannija G.V. Gozo Develpments Co. Ltd. li hi registrata u ghandha l-ufficcju taghha fl-indirizz 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Ghawdex. Dan johrog car ukoll mill-istess Dokument A, li jindika l-Indirizz 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Ghawdex, u mill-fatt illi l-attrici kienet taf li l-konvenut ma jghix f'dak l-indirizz, tant illi huwa gie notifikat bil-kawza odjerna fir-residenza tieghu;

2. In linea preliminari, t-talbiet attrici illum huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148(a) u (b) u l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif johrog car mid-

dokument A prezentat mill-attrici stess. Sabiex tipprova teghleb din l-eccezzjoni l-attrici nizzlet fl-istess dokument tpacija ta' Ewro 6,754.00 bid-data tas-26 ta' Jannar 2010, liema tpacija pero' sehhet fil-bidu tas-sena 2006 u kienet fl-ammont ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000);

3. In linea preliminari, ukoll jekk it-talba attrici tigi kunsidrata bhala talba ghall-hlas li l-preskrizzjoni taghha ma taqax taht l-imsemmija zewg artikoli, xorta wahda t-talbiet attrici illum huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif johrog car mid-dokument A prezentat mill-attrici stess. Sabiex tipprova teghleb din l-eccezzjoni l-attrici nizzlet fl-istess dokument tpacija ta' Ewro 6,754.00 bid-data tas-26 ta' Jannar 2010, liema tpacija pero' sehhet fil-bidu tas-sena 2006 u kienet fl-ammont ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000);

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess ma hija dovuta l-ebda somma mill-konvenut lis-socjeta' attrici, ghas-semplici fatt illi x-xoghol konsenjat kien ghall-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd li hallset l-ammonti kollha dovuti lill-attrici u ghalhekk ma ghandha l-ebda dejn ma' l-attrici;

5. Illi, in oltre' l-prezzijiet li qed tirriklama l-attrici fil-kawza odjerna ma humiex il-prezzijiet li kienu miftehma mal-kumpanija G.V. Gozo Developments u ghalhekk l-ammont pretiz mill-attrici huwa esagerat;

6. Illi, oltre' t-tpacija tas-somma ta' tlett elef Liri Maltin, ammont li l-attrici u l-kumpanija G.V. Gozo Devolpments Co. Ltd, qablu fuqu ghat-trasferiment tal-vettura ready mix li kienet iggib in-numru JAZ 397 li saret fl-2006 mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd. favur l-attrici, saret tpacija ohra mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd favur l-attrici ta' monster tower crane fl-ammont ta' hdax il-elf Ewro (€11,000), li ma tnaqqsitx mill-ammont pretiz mill-attrici;

7. Illi, in oltre', numru ta' konsenji ta' konkos ma kinux tal-grad miftiehem ossija tal-kwalita' pattwita, kif jigi pruvat

waqt is-smiegh tal-kawza, u dan holoq lill-imsemmija kumpanija problemi ma' terzi;

8. Illi, l-attrici hija debitrici tal-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd ghal xoghol li l-istess kumpanija ghamlet fil-proprjeta' ta' l-attrici fi Triq l-Arcipriet Giuzepp Grech, Xewkija, Ghawdex, liema xoghol ghadu ma thallasx mill-attrici, u kumbinazzjoni l-ammont li qed tippretendi l-attrici huwa wiehed u iehor l-istess ammont dovut mill-attrici lill-kumpanija G.V. Gozo Develiopments Co. Ltd., liema dejn huwa mertu f'kawza pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta li ggib in-numru: 409/09.

9. Illi x'hin isiru dawn il-kalkoli jirrizulta li hija l-attrici li hija debitrici tal-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd., ghall-kuntrarju ta' dak li qed tallega l-attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits prezentati u semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-11 ta' Ottubru, 2011. Peress li nbidel il-Magistrat sedenti l-partijiet inghataw l-opportunita' li jekk xtaqu setghu jaghmlu trattazzjoni orali. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju, 2011 il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011. Peress li dakinhar il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' sebgha u ghoxrin elf, tliet mija u tletin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€27,330.72) bilanc ta'prezz ghall-bejgh u konsenja ta' provisti ta' konkos u siment u ta' servizzi ohra konnessi mal-provista ta' konkos u siment.

Illi l-konvenut eccepixxa diversi eccezzjonijiet preliminari li se jigu hawn taht trattati:

## I. Legittimu Kuntradittur

Illi l-konvenut eccepixxa li huwa mhux il-legittimu kuntradittur stante illi huwa qatt ma ghamel ordnijiet ta' konkos f'ismu, izda kif taf ben tajjeb l-attrici, l-ordnijiet dejjem kienu jkunu ghall-kumpannija G.V. Gozo Develpments Co. Ltd li hi registrata u ghandha l-ufficcju taghha fl-indirizz 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Ghawdex. Dan, skont il-konvenut, johrog car ukoll mill-istess Dokument A, li jindika l-Indirizz 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Ghawdex, u mill-fatt illi l-attrici kienet taf li l-konvenut ma jghix f'dak l-indirizz, tant illi huwa gie notifikat bil-kawza odjerna fir-residenza tieghu.

Oltre' dan, il-konvenut isostni li d-diretturi u azzjonisti tas-socjeta' attrici diga' huma involuti f'zewg kawzi ohra permezz tas-socjeta' l-ohra taghhom Malla Developers Limited, fejn il-kontro-parti hija s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd. Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet taf li l-konvenut ma jahdimx f'ismu izda huwa mpjegat mas-socjeta'  G.V. Gozo Developments Co Ltd.

Il-konvenut isostni li l-fatt li d-dokumenti tas-socjeta' attrici jsejhu lil Giovan Vella hija haga arbitrarja li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuqha. Izda l-istess dokumenti jgibu l-indirizz tas-socjeta' u kienu jintbaghtu fl-ufficcju ta' l-istess kumpanija. Il-konvenut xehed li s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd ilha snin twal tahdem mas-socjeta' attrici. Il-hlasijiet dejjem saru mis-socjeta' u t-tpacija taz-zewg vetturi saret permezz ta' vetturi tas-socjeta'  G.V. Gozo Developments Co Ltd. Il-konvenut xehed ukollli huwa kien gharraf kemm lil min kien jikkonsenja l-konkos kif ukoll lil Salvu Vella, kif ukoll lill-istess Mario Saliba li x-xoghol kien ghas-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd izda minkejja dan l-invoices baqghu johorgu f'ismu.

Illi fil-fehma tal-qorti din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti:

- L-invoices kollha u d-delivery notes dejjem inhargu fuq Giovann Vella jew f'xi okkazzjonijiet Giovann ta' Vella. Jirrizulta li hemm numru zghir ta' invoices li gew mahruga fuq Ivan Vella li dwarhom se jigi provdut aktar tard.

- Fuq diversi delivery notes tirrizulta l-firma ta' l-istess John Vella. Ghar-rigward tal-firem l-ohra li jirrizultaw mill-istess delivery notes xehed li Sammy Vella kien impjegat tal-kumpannija[1]; Kevin Vella huwa ibnu. Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010 John Vella in kontro-ezami u ri-ezami kkonferma li Sammy Vella *'kien jahdem mas-socjeta' attrici. Mieghi sa fejn naf jien, bil-ktieb qatt ma hadem pero' kont tajtu xi xoghol'.* Inoltre' kompla li *'Nikkonferma li jiena kont personalment inkun qieghed nahdem fis-site pero' gieli illi meta kien jigi tal-konkos kont ninzerta li m'inhix on site ghaliex ma kienx ikolli progett wiehed. Kelli haddiem J. Spiteri. Patist Vella kien jahdem mieghi. Kont nghidilhom lill-impjegati li ghandu jigi l-konkos u jien immur band'ohra. Nikkonferma illi meta kont immur lura fuq il-post jiena kont ninghata d-delivery notes.'*

- Minn dan il-bran jirrizulta li l-konvenut innifsu fejn ried iddistingwa bejn jekk l-impjegati kienu jahdmu mal-kumpanija tieghu jew mieghu. Fix-xhieda tieghu jghid li J. Spiteri, Patist Vella u Sammy Vella kienu jahdmu mieghu.

- Mill-istess bran jirrizulta wkoll li John Vella kien jinghata d-delivery notes meta ma jkunx fil-post meta kien jigi kkonsenjat il-konkos.

- Il-konvenut xehed li huwa kien gharraf lil min kien jikkonsenja l-konkos kif ukoll lil Salvu Vella, kif ukoll lill-istess Mario Saliba li x-xoghol kien ghas-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd izda minkejja dan l-invoices baqghu johorgu f'ismu. Il-konvenut ma qalx meta kien li informa lil dawn in-nies li x-xoghol kien ghas-socjeta' u mhux ghalih. Biss jirrizulta li d-delivery notes baqghu jigu

[1] Xhieda tas-26 ta' Marzu 2010 a fol 161 tal-process

ffirmati minnu, ix-xoghol baqa' jigi accettat u ma jirrizulta l-ebda tip ta' korrispondenza minghand il-konvenut indirizzata lis-socjeta' attrici fejn kien qieghed joggezzjona ghal dan. Inoltre' l-istess konvenut xehed li l-hlas kien isir fi flus kontanti. Sostna wkoll li l-ircevuti kienu jinhargu f'isem il-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd. Nonostante dan lanqas ircevuta wahda ma giet prezentata biex tissostanzja tali affermazzjoni.

- Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2010 il-konvenut xehed li huwa qatt ma rcieva l-invoices prezentati f'din il-kawza mis-socjeta' attrici. Qal li kien jircievi rendikont ta' x'ghandu jaghti minn zmien ghal zmien u dan kien ikun *handwritten* u dejjem intbaghat l-ufficcju tieghu. Huwa ta kollox lill-accountant tieghu xi xahar qabel. Xehed li ma jiftakarx jekk dawn id-dokumenti ntbaghtux f'ismu jew f'isem il-kumpanija. Dawn il-karti baqghu qatt ma gew prezentati.

Anki minn tali xhieda hemm indikazzjoni cara li l-konvenut anki jekk ircieva r-rendikonti, kif qed isostni huwa *handwriiten,* jibqa' l-fatt li jekk kienu f'ismu personali u huwa deherlu li ma kellux ikun hekk baqa' m'ghamel xejn.

- Il-konvenut gibed l-attenzjoni li l-istatements li ntbaghtu gew indirizzati ghall-ufficcju tal-kumpanija. Inoltre' meta ltaqa' ma' rapprezentanti tas-socjeta' attrici din il-laqgha saret fl-ufficcju tal-kumpannija.

Illi huwa minnu li fuq l-istatements hemm imnizzel l-indirizz tal-kumpanija u mhux tar-residenza ta' John Vella. Mhux kontestat lanqas li l-laqgha bejn il-partijiet saret f'dan l-istess ufficcju. Irrizulta pero' li m'hemm l-ebda tabella mwahhla fuq barra ta' isem xi kumpannija. Mhux kontestat lanqas li kumpannija ohra appartenenti lid-diretturi u azzjonisti tas-socjeta' attrici kellha kawza kontra s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd izda dan ma jwassalx awtomitakent ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien qieghed jaghmel l-ordnijiet u jircievi l-materjal ghan-nom tal-kumpannija.

Oltre' dan irrizulta li l-konvenuit huwa shareholder fi tlett kumpaniji u ghalhekk ma jistax jippretendi li s-socjeta' attrici kellha tipprova taqta' ma' min minnhom kienet qed tikkuntratta.

- Dwar dan ssir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono[2],** li din il-qorti taqbel mieghu kompletament, li meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-*invoices*, *statements*, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kif inghad fl-istess sentenza, dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet **Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef** (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Gunju 1987, fejn inghad li *"Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cilia noe. vs CharlesScicluna** (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992, intqal: *"Illi hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta' attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex*

[2] Cit Nru: 1184/01RCP deciza fil-21 ta' Marzu 2002

*ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"*.

Illi imbaghad il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)**" deciza fl-10 ta' Mejju 1990, qalet illi: *"La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Stellini noe. vs Emmanuel Cassar**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April 1993, intqal illi *"din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur …... seta' ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan*
*l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontraent".*

Fuq l-istess stregwa hija s-sentenza fl-ismijiet **Alex Zammit noe vs Alan Lubinsky et**[3] fejn intqal :

*'Din il-Qorti tibda biex tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta'*

[3] Cit Nru: 508/2007JZM deciza fit-30 ta' Marzu, 2010

*Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).*

***Bhala regola**, huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Il-kaz tal-lum pero' jikkostitwixxi eccezzjoni ghal dik ir-regola. Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc **"Cilia noe vs Scicluna"** (K/FGC) tas-27 ta' April 1992 (LXXVI.IV.673) u **"Bonnici noe vs Grima"** (K/JDC) tat–30 ta' April 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell **"Caruana et vs Magro et"** tas-6 ta' Ottubru 1999, hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.*

*Il-kumpannija ammettiet il-kreditu (fol 8). Izda dak il-fatt wahdu ma jesonerax lill-konvenut personalment mill-obbligazzjoni li jaghmel tajjeb hu ghal dak il-kreditu. Fuqu jinkombi l-piz tal-prova tal-allegazzjoni tieghu li d-debitu ma sarx minnu personalment izda li meta kkontratta mal-attur kien qed jaghmel hekk f'isem il-kumpannija. Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt anzi ghandu jigi eskluz (Troplong – Mandato No.50 citat fis-sentenza **Vol.XLII.II.203**). Del resto fil-kuntest ta' kollox hemm il-principju tad-dritt, daqstant ewlieni, li skond Art.993 tal-Kap.16 il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom izda wkoll l-konsegwenzi kollha li ggib maghhom l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu u bil-ligi (**"Falzon vs Cuschieri"** – Qorti tal-Appell – 23 ta' Ottubru 1936 – XXIX.I.1408 ; **"Spiteri vs Spiteri et"** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Gunju 1957 – Vol XLI.I.412 ; **"Depares noe vs O'Dea noe"** – Qorti tal-Appell – 25 ta' Gunju 1996).*

*Dwar il-mod u l-mument kif issir ir-rabta, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru 1999 fil-kawza **"Vella vs Vella noe"** huwa preciz u car, u*

*ghandu portata rilevanti u vitali ghall-finijiet tal-kawza tallum. Skond din is-sentenza, il-mument determinanti huwa meta tigi kontrattata l-obbligazzjoni ; fil-kaz tal-lum is-self. Huwa f'dak il-mument min jikkontratta ghandu l-obbligu li jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni mhux qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Huwa fl-obbligu li jassikura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tal-parti l-ohra f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta.*

*Anke fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza* ***"Formosa et noe vs Felice"****, il-Qorti tal-Appell kienet cara. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhumiex daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed ghandu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed taghmel hekk f'isimha propju.'*

- Dawn l-insenjamenti ghandhom isibu l-applikazzjoni taghhom ghall-kaz odjern. Jirrizulta li John Vella meta kien jordna x-xoghol ma kienx informa lis-socjeta' attrici li kien qieghed jordna ghan-nom ta' socjeta'. Li anki kieku kien informaha, kif sostna, xorta wahda baqa' jiffirma d-delivery notes mahrugin fuq ismu personali u kellu kull opportunita' li jirregolarizza l-posizzjoni izda dan baqa' m'ghamlux.

- Ukoll il-fatt li t-truck li bih saret it-tpacija kien jappartjeni lil G.V. Gozo Developments Co Ltd u dan gie fil-fatt ippruvat mill-konvenut permezz tad-dokumenti minnu prezentati lanqas ma jfisser awtomatikament li s-socjeta' attrici kienet qed tikkuntratta ma' dik il-kumpanija. M'hemm xejn xi jzomm terz milli jhallas lill-kreditur ta' debitur.

## II. <u>Preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16</u>

Illi l-konvenut eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu'.*

Illi fil-fehma ta' din il-qorti, is-socjeta' ghandha ragun meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssostni li t-transazzjoni bejn il-partijiet ma hijiex wahda ta' natura civili izda wahda ta' natura kummercjali. Fil-kaz inkwistjoni, is-socjeta' attrici kienet qed tissuplixxi l-konkos lill-konvenut sabiex jintuza' fix-xoghol ta' kostruzzjoni. Jirrizulta mid-delivery notes li l-konsenji kienu jsiru fuq diversi siti fejn kien qieghed isir ix-xoghol u kwindi ma kienx ghall-uzu personali tal-konvenut. Maghdud ma' dan irid jitiqes ukoll il-fatt li l-ordnijiet kienu jsiru b'mod regolari u b'certu kwantitajiet li allura bilfors isegwi li l-konkos ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-konvenut. Ghalhekk it-transazzjonijiet ta' Giovann Vella kienu jikkwalifikaw bhala 'att ta' kummerc' u b'hekk dan l-artikolu invokat mhux applikabbli.

## III. Preskrizzjoni taht l-artikoli 2148(b)

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:*

*(b) l-azzjonijiet ta' kreditur ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugh bl-imnut'*

Dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-vertenza odjerna.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited**[4] inghad is-segwenti:

[4] App 148/2003PS deciza fis-7 ta' Dicembru, 2005

*‘Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-kaz ta’ bejgh “bl-imnut” huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara* ***Kollez. Vol. XLV P III p 813****). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista’ tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (****Kollez. Vol. XLVIII P II p 959****);*

*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f’opra (****Kollez. Vol. XXIII P I p 909****) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa (“****Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et****”, Appell Civili, 22 ta’ Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista “vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata” mentri l-imnutant “vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro” (Vol. XXI P III p* ***235****). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta’ tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b)’.*

Referenza ssir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et**[5] fejn intqal :

*‘Il-pern ta’ din id-disposizzjoni huwa li dik il-preskrizzjoni tapplika* ***biss*** *fil-kaz ta’ bejgh bl-imnut.*

*Fil-bejgh bl-imnut huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum ta’ kuljum tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (****Vol.XLV.III.813****). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita’ tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe’ jekk humiex*

[5] Cit Nru: 1257/2008JZM deciza fit-28 ta’ Jannar, 2010

*abitwalment fil-kummerc jew le (**Vol.XLVIII.II.959**). Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (**Vol.XXIII.I.909**) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (**"Borg vs Bonello et noe et"** – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro (**Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et"** – Appell – 25 ta' Mejju 2001).'*

Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-bejgh *de quo*, taht l-ebda cirkostanza, ma jirrizultalha li dak inkwistjoni kien bejgh bl-imnut sabiex tista' tigi nvokata l-preskrizzjoni skont l-Art.2148(b) tal-Kap 16. Kif diga' gie rilevat, fil-kaz inkwistjoni, is-socjeta' attrici kienet qed tissuplixxi l-konkos lill-konvenut sabiex jintuza' fix-xoghol ta' kostruzzjoni. Id-delivery notes jindikaw b'mod car li l-konsenji kienu jsiru fuq diversi siti fejn kien qieghed isir ix-xoghol u kwindi ma kienx ghall-uzu personali tal-konvenut anki ghaliex ma rrizultax lil din il-qorti li l-konvenut kien qieghed jibni diversi proprjetajiet ghalih innifsu. Maghdud ma' dan irid jitiqes ukoll il-fatt li l-ordnijiet kienu jsiru b'mod regolari u b'certu kwantitajiet li allura bilfors isegwi li l-konkos ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-konvenut. Ghalhekk dan ma jistax jitqies li kien kaz ta' bejgh ta' oggett ta' konsum ta' kuljum jew inkella oggett *che si vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro*.

## IV. <u>Preskrizzjoni taht l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16</u>

Illi l-konvenut invoka wkoll a favur tieghu l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149(a). Dan l-artikolu jistipula s-segwenti:

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu'.*

Illi ghar-ragunijiet li diga' gew elenkati aktar 'il fuq ossija li bejn il-partijiet kien hemm transazzjonijiet ta' natura kummercjali, dan l-artikolu lanqas ma huwa applikabbli.

## V. Preskrizzjoni taht l-artikolu 2156

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16 u dan minghajr ma indika s-sub-artikolu li abbazi tieghu l-preskrizzjoni kienet qeghda tigi invokata. Sussegwentement irrefera ghas-suba-artikolu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu bhala s—subartikolu (f). Dwar dan il-qorti tiddikjara li ma tistax tiehu konjizzjoni tas-sub-artikolu indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet u mhux fir-risposta guramentata u ghalhekk mhux se tiehu konjizzjoni tieghu.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc vs Paul Piscopo**[6] **'***l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili ghal liema jirreferi l-appellanti jipprospetta, f' hames incizi ben distinti, il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda minn ohra. Hi ligi li l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata (Artikolu 2111). Li jfisser li l-Qorti ma ghandhiex toqghod tfittex biex tara jekk ghall-kaz hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvokaha. Ara* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481*** *u "***Francis Bugeja nomine- vs- Indria Mercieca***" Appell, 29 ta' Mejju 2000'.*

[6] App 81/1998PS deciz fil-5 ta' Lulju 2006

Inoltre' fis-sentenza **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia**[7] intqal illi skont l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka *d' ufficio* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi *d' ufficio* tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta. Dik l-Onorabbli Qorti kompliet li:

*'Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f' materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" –* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481****;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b' mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f' ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "****Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et****", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti.'*

---

[7] App Nru: 1516/2002PS deciz fit-22 ta' Gunju 2005

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

## VI. Preskrizzjoni Invokata Xorta Ma Tistax Tirnexxi

Illi jinghad fuq kollox li tali preskrizzjoni qasira eccepita a bazi tal-**artikolu 2148(a) u (b) u abbazi ta' l-artikolu 2149(a)** bhal kull preskrizzjoni ohra qasira hija soggetta ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 2160 (1) tal-Kap. 16** fis-sens li:-

*"Il-preskrizzjoni imsemmija fl-artikolu 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta lilhom jinghata il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".*

Illi f'dan il-kaz fir-risposta guramentata l-konvenut eccepixxa tpacija tas-somma ta' tlett elef Liri Maltin, ammont li skont huwa gie miftiehem bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd meta qablu fuq it-trasferiment tal-vettura ready mix li kienet iggib in-numru JAZ 397 li saret fl-2006[8] mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd favur l-attrici, kif ukoll saret tpacija ohra mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd favur l-attrici ta' monster tower crane fl-ammont ta' hdax-il elf Ewro (€11,000) li ma tnaqqsitx mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici.

Illi l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jsostni li tali eccezzjoni ma jistax jinghad li hija nkompatibbli ma' l-eccezzjonijiet rigwardanti l-preskrizzjoni. Dan ghaliex it-tpacija li qeghda tigi reklamata hija tpacija li saret minn terz li mhiex parti in kawza. Din it-tpacija ma tirreferix ghalih u ma saritx minnu u l-konvenut qatt ma allega li saret minnu anzi kien car mill-bidu nett li t-tpacija saret mis-socjeta' G.V. Gozo Developments Co. Ltd. Ghaldaqstant il-konvenut isostni li din hija eccezzjoni personali ghalih u giet hekk eccepita filwaqt illi l-

[8] It-trasferiment jirrizulta minn fol 437 li sar fid-29 ta' Awwissu 2007

eccezzjoni tat-tpacija hija eccezzjoni li tirrigwarda l-ftehim li kien hemm bejn l-attrici u s-socjeta' terza u ma tirreferi ghall-ebda tpacija maghmula mill-konvenut.

Illi tali sottomissjoni mhijiex korretta. Ghalkemm il-konvenut qieghed ighid f'din l-eccezzjoni li t-tpacija reklamata saret minn terz, irrizulta li ghalkemm almenu ghal dak li jirrigwarda t-truck dan kien jappartjeni lis-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd il-ftehim dwar l-ammont li kellu jigi addebitat ghall-kont ta' Giovann Vella sar bejn Saviour Vella u l-istess konvenut. Kif diga' inghad precedentement gie ritenut li l-konvenut ma kienx qieghed jordna l-konkos ghan-nom tal-kumpanija li mhiex parti f'din il-kawza. Huwa permissibbli wkoll li terz ihallas ghal haddiehor sabiex jigi saldat debitu tat-terz.

Inoltre' fix-xhieda tieghu Giovan Vella qal ukoll[9] *'Il-prezzijiet qeghdin ukoll esagerati minn dak illi konna niftehmu'.*

Illi jirrizulta ghalhekk li b'tali dikjarazzjoni l-konvenut qed jikkontesta l-prezzijiet u kwindi qed jirrikonnoxxi li ghad fadallu xi bilanc mas-socjeta' attrici. Ghalkemm qed isostni wkoll li ma ghandu jaghti xejn ghaliex l-azzjoni attrici giet preskritta tali dikjarazzjoni tal-eccipjenti hija kontradittorja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn japplika l-principu li *"ghall- azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunszjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatabbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".* (**Vol. XXVII.i.307).**

Illi hawn issir riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza **Dr. Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo"** (A.C. _ 19 ta' Mejju 2000) fis-sens li inghad *"li kieku l-konvenut xehed li m'ghandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li ghandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni*

[9] Fol 418 tal-process

*ulterjuri, allura eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx"* u allura f'kaz bhal dan mhux iktar opponibbli ghall azzjoni tal-attur l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-kaz, pogga ruhhu b'att tieghu spontaneu, kif kontenut fir-risposta gurmantata tieghu, fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u f'dan is-sens issir riferenza ghas-sentenzi **"Zammit & Cachia Trading Co. Ltd et vs Francis Mizzi"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dcembru 2005) u **"Austin Psaila vs Lother Slabick"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005).

## VII. <u>Ir-Raba' Eccezzjoni</u>

Illi l-konvenut eccepixxa li ma hija dovuta l-ebda somma minnu lis-socjeta' attrici, ghas-semplici fatt illi x-xoghol konsenjat kien ghall-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd li hallset l-ammonti kollha dovuti lill-attrici u ghalhekk ma ghandha l-ebda dejn ma' l-attrici.

Illi in vista tal-fatt li gie deciz li x-xoghol gie konsenjat lill-intimat Giovan Vella u anki ghall-fatt li s-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd mhiex parti f'din il-kawza u kwindi l-qorti mhiex se tidhol fil-mertu jekk is-socjeta' G.V. Gozo Developments Co Ltd hijiex debitrici o meno tas-socjeta' attrici, din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## VIII. <u>Il-Hames Eccezzjoni</u>

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll li l-prezzijiet li qed tirreklama l-attrici fil-kawza odjerna ma humiex il-prezzijiet li kienu miftehma mal-kumpanija G.V. Gozo Developments u ghalhekk l-ammont pretiz mill-attrici huwa esagerat.

Illi din l-eccezzjoni tkompli tikkonferma lil din il-qorti kemm il-konvenut mhux car fin-negozju tieghu ma' terzi u jagixxi daqs li kieku huwa u l-kumpanija huma persuna wahda. F'din il-kawza l-konvenut gie mharrek f'ismu personalment u mhux in rapprezentanza tal-kumpanija.

Diga’ gie konkluz li huwa l-konvenut personalment li ghandu jassumi r-responsabilita’ ta’ kwalunkwe ammonti li se jirrizultaw li huma dovuti lis-socjeta’ attrici.

Fi kwalunkwe kaz irrizulta mill-atti li l-prezzijiet li kienu qed jigu akkreditati ghall-kont tal-konvenut kienu dawk ekwivalenti ghal kemm kien sejjer il-konkos fuq is-suq ghal dak iz-zmien partikolari[10]. Ghaldaqstant huwa spjegabbli li kien hemm xi caqliqiet fil-prezz tal-konkos anki ghaliex is-socjeta’ attrici qeghda tippretendi hlas fuq medda ta’ zmien. Barra minn dan kienu jigu mibghuta statements regolarment u ghalhekk kien fl-interess ta’ min kellu xi lment li jressaq l-istess *a tempo vergine.*

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## IX. <u>Is-Sitt Eccezzjoni</u>

Il-konvenut fis-sitt eccezzjoni tieghu eccepixxa s-segwenti:

*‘Illi, oltre’ t-tpacija tas-somma ta’ tlett elef Liri Maltin, ammont li l-attrici u l-kumpanija G.V. Gozo Devolpments Co. Ltd, qablu fuqu ghat-trasferiment tal-vettura ready mix li kienet iggib in-numru JAZ 397 li saret fl-2006 mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd. Favur l-attrici, saret tpacija ohra mill-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd favur l-attrici ta’ monster tower crane fl-ammont ta’ hdax il-elf Ewro (€11,000), li ma tnaqqsitx mill-ammont pretiz mill-attrici’*

Illi s-socjeta’ attrici tichad li l-prezz maqbul fuq it-truck ready-mix kien fl-ammont ta’ Lm3,000. Infatti Saviour Vella[11] spjega li kien huwa li wasal fi ftehim mal-konvenut u li l-prezz mifitiehem kien ta’ Lm1,800. Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu xehed li dan it-truck kien xtrah Lm6,000 u li s-socjeta’ attrici ghamlet uzu minnu ghall-dawn l-ahhar snin u allega li Raymond Vella zarma t-truck waqt il-

[10] Xhieda Saviour Vella a fol 174 tal-process
[11] Wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ attrici

proceduri u waqqfuh izda t-truck kien ghadu jahdem u mhux f'kundizzjoni hazina.

Fl-ewwel lok, il-konvenut ma pproduca l-ebda ricevuta li tipprova li meta nxtara t-truck minn G.V. Gozo Developments Ltd dan sehh ghall-prezz ta' Lm6,000. Mill-atti jirrizulta biss li t-truck gie trasferit fuq isem il-kumpanija fil-11 ta' Ottubru 1999[12]. Dan it-truck huwa tas-sena 1984[13] u jirrizulta li kien fil-pussess ta' diversi persuni u kumpaniji. It-truck gie trasferit ghal fuq is-socjeta' attrici fid-29 ta' Awwissu 2007 u kwindi t-truck diga' kellu mat-28 sena. Ghalhekk hija aktar verosimili mill-provi akkwiziti li l-valur miftiehem bejn il-partijiet kien dak ta' Lm1,800 kif asserit mis-socjeta' attrici. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs JosephMeilak**[14] *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal-l-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza ta-lprobabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi dwar il-monster tower crane, il-konvenut fl-affidavit tieghu[15] xehed li dan inxtara minghand Pisani ta' Platti ghas-somma ta' Lm13,000. Ghal darb'ohra ma ngabet l-ebda prova la meta inxtara, la ricevuta tal-prezz u lanqas is-sena ta' manifattura ta' l-istess crane. Infatti kienet is-socjeta' attrici li permezz ta' rapport ex parte imhejji mill-Inginier Ray Muscat jirrizulta li dan il-makkinarju jgib is-sena ta' 1974. Saviour Vella, min-naha l-ohra, xehed[16] li l-crane kien inxtara biss ghall-parts peress li Giovan Vella kellu incident bih u kien tghawwiglu u ghalhekk kellu hsara

[12] Fol 437 tal-process
[13] A fol 436 tal-process
[14] Prim'Awla per Imhallef Tonio Mallia deciza fit-30 ta' Ottubru, 2003
[15] Fol 207 tal-process
[16] A fol 215 tal-process

kbira. B’hekk il-prezz miftiehem kien ta’ Lm1,100. Infatti l-istess Giovann Vella in kontro-ezami xehed li xtrah fis-sena 1998, u ammetta li t-tower kellu bzonn replacement ghax kienet mghawga. Huwa qal hekk *‘Meta bieghtulhom jew ahjar tajtulhom bhala parti mill-ftehim kellhom bilfors jinbidlulu t-tower. Setghu juzaw biss il-bazi tieghu. It-tower ghalhekk ma kellha l-ebda uzu; trid tarmiha’.*

Illi ghalhekk il-versjoni moghtija mis-socjeta’ attrici hija aktar attendibbli minn dik tal-konvenut ghaliex irrizulta li l-crane ma kienx f’kundizzjoni ottima bhal ma pprova jsostni l-konvenut.

Oltre’ dan jirrizulta li kuntrarjament ghal dak sostnut mill-konvenut f’din l-eccezzjoni tieghu, l-ammont ta’ Lm1,100 tal-monster crane tnaqqsu wkoll mill-kont tieghu.

Anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

## X. Is-Seba’ Eccezzjoni

Illi l-konvenut eccepixxa li numru ta’ konsenji ta’ konkos ma kienux tal-grad miftiehem ossija tal-kwalita’ pattwita.

Illi tali eccezzjoni bl-ebda mod ma giet ippruvata u dan ghaliex il-konvenut ma ressaq l-ebda tip ta’ prova dwar din l-allegazzjoni.

Ghaldaqstant tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

## XI. It-Tmien u Disa’ Eccezzjoniet

Illi l-konvenut permezz tat-tmien eccezzjoni eccepixxa li

*‘l-attrici hija debitrici tal-kumpanija G.V. Gozo Developments Co. Ltd ghal xoghol li l-istess kumpanija ghamlet fil-proprjeta’ ta’ l-attrici fi Triq l-Arcipriet Giuzepp Grech, Xewkija, Ghawdex, liema xoghol ghadu ma thallasx mill-attrici, u kumbinazzjoni l-ammont li qed tippretendi l-attrici huwa wiehed u iehor l-istess ammont*

*dovut mill-attrici lill-kumpanija G.V. Gozo Develiopments Co. Ltd., liema dejn huwa mertu f'kawza pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta li ggib in-numru: 409/09'.*

U fid-disa' eccezzjoni tieghu eccepixxa li:

*'Illi x'hin isiru dawn il-kalkoli jirrizulta li hija l-attrici li hija debitrici tal-kumpanija G.V. Gozo Developments Co Ltd., ghall-kuntrarju ta' dak li qed tallega l-attrici.'*

Illi dawn iz-zewgt eccezzjonijiet m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-azzjoni odjerna u ladarba hemm diga' proceduri pendenti dwar l-istess allegazzjoni, allura huma f'dawk il-proceduri li tali pretensjonijiet se jigu trattati.

Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ukoll qed jigu michuda.

## XII. Il-Kreditu Pretiz

Illi s-socjeta' attrici qeghda tippretendi l-ammont ta' €27,330.72.

Illi Mario Saliba xehed li l-kontijiet imorru lura ghas-sena 1996. Jirrizulta li l-konvenut Giovan Vella kien hallas l-ammont ta' Lm3,300 ossija €7686.93 f'April 2006 fi flus kontanti. Ghalhekk skont Saliba, kien ghad baqa' bilanc ta' Lm7,490 ossija €17,447.01.

Illi s-socjeta' attrici ezebiet l-invoices li jirrisalu mit-22 ta' Lulju 2003 sakemm Giovann Vella baqa' jiehu x-xoghol minghand is-socjeta' attrici cioe' sas-sena 2008. Gew ezebiti diversi delivery notes pero' mhux id-delivery notes kollha. Il-qorti taghmilha cara li ladarba kienet il-prassi tas-socjeta' attrici li hekk kif jigi konsenjat il-materjal kienet tinhareg delivery note li generalment kienet tigi ffirmata, invoice li ma gietx akkompanjata wkoll b'delivery note mhiex se titqies bhala l-aqwa prova li s-socjeta' attrici setghet iggib. U ghalhekk peress li s-socjeta' attrici prezentat numru sostanzjali ta' invoices li jkopru l-perjodu bejn it-22 ta' Lulju 2003 sas-26 ta' Ottubru 2004 izda naqset li tipprezenta delivery notes ta' dawk il-konsenji u

in vista wkoll tal-fatt li l-konvenut sostna li wara li hallas fi flus kontanti huwa kien issalda l-kont, din il-qorti ma tqisx li bl-invoices biss tista' tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghal dawk l-ammonti. Dan partikolarment meta l-invoices l-ohrajn kollha gew akkompanjati bid-delivery note taghhom relattiva.

Illi skont is-sales ledger report a fol 22 tal-process li tkopri l-perjodu bejn it-13 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Marzu, 2005 it-total dovut kien ta' €2,375.38 (Lm1,019.75). L-invoices u r-relattivi delivery notes gew ezebiti u ghalhekk dawn l-ammonti gew ippruvati.

Illi skont is-sales ledger report a fol 21 tal-process li tkopri l-perjodu bejn is-7 ta' April 2005 sat-30 ta' Gunju, 2005 it-total dovut kien ta' €3,886.91 (Lm1,668.65). L-invoices u r-relattivi delivery notes gew ezebiti u ghalhekk dawn l-ammonti gew ippruvati.

Illi skont is-sales ledger report a fol 19 u 20 tal-process li tkopri l-perjodu bejn it-12 ta' Lulju 2005 sad-19 ta' Gunju, 2006 it-total dovut kien ta' €14,543.96 (Lm6,243.72). Sa' l-1 ta' April, 2006 (ossija ftit granet qabel ma' l-konvenut hallas l-ammont ta' €7686.93, it-total dovut kien ta' €13,583.96 (Lm 5831.59). L-invoices u r-relattivi delivery notes gew ezebiti u ghalhekk dawn l-ammonti gew ippruvati hlief ghal zewg dati.

Illi ghalhekk bhala total dovut li jkopri t-tlett perjodi hawn fuq imsemmija, wara li jitnaqqas l-ammont imhallas mill-konvenut huwa ta' €12,109.73[17].

B'zieda ma' dan l-ammont iridu jizdiedu s-segwenti ammonti :

- €960 (ekwivalenti ghal Lm412.13) li jkopri l-perjodu wara li l-konvenut hallas €7686.93 sad-19 ta' Gunju 2006.

[17] Dan peress li tnaqqsu l-ammonti ta' €30.75 u €18.84 relattivi ghad-dati 10/08/2005 u 19/08/2005 u dan peress li d-delivery notes taghhom ma gewx prodotti jew talanqas inghatat spjegazzjoni ghalfejn din ma gietx prezentata.

- €4464.76 (ekwivalenti ghal Lm1916.72) li jkopri l-perjodu bejn l-14 ta' Lulju 2006 sa' l-1 ta' Gunju 2007.

- €1,935.15 ekwivalenti ghal Lm830.76) li jkopri l-perjodu bejn l-20 ta' Ottubru 2007 sas-7 ta' Dicembru 2007.

Illi s-socjeta' attrici qedghda tippretendi wkoll hlas ta' €1749.94 u ta' €5128.64 (total ta' €6878.58)[18]. Il-konvenut qieghed isostni li fuq is-sales ledger reports li gew ezebiti[19] kif ukoll fuq l-invoices hemm indikat l-isem ta' "Ivan (Ta' Vella) Vella" u ghalhekk dan ix-xoghol ma giex konsenjat lilu. Huwa xehed li ghandu kugin jismu Ivan Vella u jahdem ukoll fix-xoghol ta' kostruzzjoni u gie li rah ghand is-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici min-naha taghha ezebiet l-invoices u d-delivery notes relattivi gahl tali konsenji u gie kkonfermat bil-guramentat mir-rapprezentanti tal-kumpanija li x-xoghol gie konsenjat lill-konvenut. Minn ezami ta' l-invoices u d-delivery notes dawn jikkombacaw.

Illi meta John Vella xehed huwa kkonferma li Charlie Zammit kien haddiem tieghu; Kevin u Stephen Vella huma wliedu. Huwa kkonferma wkoll li J. Spiteri, Sammy Vella, Patist Vella u J. Bugeja wkoll kienu jahdmu mieghu.

Illi din il-qorti ezaminat id-delivery notes prezentati mis-socjeta' attrici u minnhom jirrizulta li meta saret il-konsenja gie indikat, kwazi dejjem, li x-xoghol kien qieghed jigi kkonsenjat lil 'Giovann ta' Vella', 'Jovann ta' Vella' jew 'Ta' Vella'. Irrizulta wkoll li kienet il-prassi li kull min jircievi x-xoghol kien jiffirma ghal tali konsenja. Il-qorti nnutat ukoll li l-istatement originarjament ipprezentat mis-socjeta' attrici mar-rikors guramentat huwa wkoll intestat 'Ivan ('Ta' Vella'). Fuqu hemm referenza ghal diversi invoices li meta jigu ezaminati huma intestati lil Giovan Vella. Minn dan l-istatement jirrizulta li l-konvenut hallas l-ammont ta' Lm3,300 f'April 2006 li jikkombacja ma' l-ammont li l-

[18] Li jkopru l-perjodi bejn 1 ta' Lulju 2008 sal-21 ta' Awwissu 2008 u l-5 ta' Jannar 2008 u t-30 ta' Gunju 2008 rispettivament.
[19] Fol 15 u 16 tal-process

konvenut jammetti li hallas f'dawn iz-zminijiet. Ghall-precizjoni jinghad li l-konvenut sostna wkoll li wara li hallas dan l-ammont ma kienx ghad fadal bilanc izda kif diga' irrizulta dan mhux korrett. Inoltre' jinghad li l-konvenut ma pprezenta l-ebda prova li huwa fil-fatt kien issalda l-kont kollu kif sostna.

*Tornando* ghall-kwistjoni jekk l-ammonti mitluba mis-socjeta' attrici li gew intestati fl-Invoices bhala li huma ta' Ivan (Ta' Vella) Vella din il-qorti rat li fil-maggior parti taghhom id-delivery notes gew iffirmati minn nies li John Vella ikkonferma li kienu haddiema tieghu, kif ukoll gew iffirmati minn uliedu[20] u hemm firem ukoll li huma simili ghal ta' l-istess konvenut u ghalhekk f'dawn il-kazijiet din il-qorti m'ghandhiex dubju li l-materjal gie supplit lill-konvenut u ghaldaqstant ladarba l-konvenut ma gabx prova li huwa hallas l-ammonti dawn huma dovuti.

Inoltre' jinghad li meta l-konvenut xehed *viva voce* fl-ewwel jum tas-smiegh (wara li kien sostna li x-xoghol gie ordnat mill-kumpanija tieghu) xehed hekk : *'Jiena qieghed nifhem illi l-istatements u d-delivery notes li gew prezentati jirreferu ghax-xoghol kollu li jiena gibt minghand is-socjeta' attrici'.* Fl-affidavit tieghu wkoll ma semma xejn dwar il-mod kif hargu l-invoices. Inoltre' jinghad li l-konvenut fl-ebda mument ma attakka d-delivery notes prezentati. Huwa pprova jiggranfa mal-fatt li l-invoices u anki s-sales ledger reports hargu kif hargu, pero' d-delivery notes li huma l-prova li l-konsenja effettivament saret ma gewx attakkati. Ghalhekk hemm dovut ukoll l-ammont ta' <u>€6878.58</u>.

Billi rrizulta li kien hemm ukoll l-ammont ta' <u>€6,754 </u>li gie pacut ghaf-favur tal-konvenut, dan l-ammont irid jitnaqqas.

Ghaldaqstant irrizulta li l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' €19,594.22.

---

[20] Partikolarment Vide delivery notes a fol 138, 141, 142, 143, 144, 153, 154, 156, 157 u 158.

Peress li dan id-debitu huwa wiehed kummercjali ghandhom jiddekorru imghaxijiet skont l-oghla rata vigenti fil-jummerc mid-data li fiha gie supplit il-materjal jew inkella li fiha nghata s-servizz sad-data tal-hlas effettiv. Il-konvenut sostna li kien hemm arrangament li huwa ma kellu jhallas ebda interessi. Apparti li dan ma giex minnu ppruvat jinghad ukoll li fuq l-invoices huwa specifikat u ghalhekk ma jistax jargumenta li dan mhux dovut.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi :

(i) Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

(ii) Tichad it-tieni eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata a bazi ta’ l-artikolu 2148(a) u l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16, kif ukoll a bazi ta’ l-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16;
(iii) Tichad it-tielet eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata a bazi ta’ l-artikolu 2156 tal-Kap 16;

(iv) Tichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha l-ohra mressqa mill-konvenut fejn dawn mhux kompatibbli ma’ dak provdut hawn taht; u

(v) Tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici limitatament billi

(a) tiddikjara l-konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ dsatax-il elf hames mija erbgha u disghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€19,594.22);

(b) tikkonferma li l-konvenut ghandu wkoll ihallas l-imghaxijiet kummercjali fuq l-oghla rata permessa mil-ligi mid-data tal-provista jew servizz sad-data tal-hlas effettiv;

(c) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma ta’ dsatax-il elf hames mija erbgha u disghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€19,594.22)

flimkien ma’ dawk l-imghaxijiet fuq l-istess somma kif mitlub.

Bl-ispejjez ikunu inkwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%) a karigu tas-socjeta’ attrici u inkwantu ghal tmenin fil-mija (80%) a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------